**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M. Jur**

**Rikors Nru. 99/2007**

**Kontrollur tad-Dwana u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2012 gie sostitwit ghal Direttur Generali (Dwana)**

**vs**

**George Farrugia and Sons Limited (C-9537)**

**Illum, 2 ta' Mejju 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' George Farrugia and Sons Limited fejn jesponu bir-rispett:

1. Illi fl-14 ta' Frar, 2007 hi giet notifikata bl-ittra ufficjali mahruga a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet premessi u bid-dikjarazzjoni annessa tad-

Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana, permezz ta' liema l-istess Kontrollur talab lill-esponent thallas is-somma ta' Lm2965 (elfejn disa mija u hamsa u sittin lira Maltin) allegatament dovuta bhala dazju fuq importazzjoni ta' te';

2. Illi t-talba tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana hi minghajr ebda bazi fil-fatt u fid-dritt billi l-esponenti ma ghandiex thallas l-ammont premess lid-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana;

3. Illi fi kwalsiasi kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost ghandu jigi rilevat li din is-somma ma tistax tkun dovuta billi d-decizjoni tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana li jaghmel 'post entry' ghadha soggetta ghal appell quddiem Bord indipendenti kompost skond il-ligi, liema appell ghadu ma giex konkluz;

4. Illi fil-mertu, u kompletament bla pregudizzju ghas-suespost jinghad li d-dikjarazzjoni maghmula mill-esponenti bhala importatur fiz-zminijiet inkwistjoni kienet korretta u skond il-ligi u ghalhekk huwa ma ghad ghandu jhallas xejn aktar fuq l-importazzjoni inkwistjoni;

5. Illi ukoll fil-mertu u fi kwalsiasi kaz ghandu jigi rilevat li l-intimat Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana ma jistax jitlob dazju aktar minn dak diga' mhallas mill-esponenti fir-rigward tal-merkanzija inkwistjoni u dan stante li l-esponenti kien ilu xhur shah li biegh il-merkanzija lil terzi, meta saret il-*post entry* mid-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana, u ghalhekk,

jekk huwa issa ser jkun konstrett jhallas l-ammont pretiz mid-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana, sejjer jsoffri dannu irrimedjabbli, mhux permess li d-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana jagixxi f'dan l-istadju. Jinghad f'dan ir-rigward u dejjem bla pregudizzju ghas-suespost li l-esponenti agixxa in buona fede u skond il-ligi meta ghamel id-dikjarazzjoni tieghu rigward il-merkanzija inkwistjoni u ghalhekk ma jistghax ibati xi telf jew hsara minhabba l-inerzja tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, u filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi kollha opportuni u applikabbli ghall-kaz in ezami l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana kif kontenuta fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi bhala infondata u konsegwentement li l-ammont mitlub mill-istess Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana fl-ittra premessa ma huwiex dovut lilu.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-proceduri ta' appell quddiem il-Bord premess.

Rat ukoll ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana li tghid hekk;

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bl-atti ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12.

2. Illi fil-mertu d-dritt tal-esponent li jaghmel verifiki wara r-rilaxx tal-merkanzija jirrizulta mill-ligi, b'mod partikolari

mill-artikolu 11 tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Kap 337), kif ukoll mill-Customs Code (ir-Raba' Skeda tal-Kap 337) u ghalhekk l-esponent kien qed jagixxi skond il-ligi meta ghamel tali verifiki fil-konfront tar-rikorrenti u wara baghat *post entry claim.*

3. Illi fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju tas-suespost, m'hemm l-ebda decizjoni tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana li hi pendenti quddiem xi bord dwar jekk jaghmilx jew le *post entry claim* fil-konfront tar-rikorrenti. Lanqas m'hemm xi appell pendenti quddiem Bord indipendenti kompost skond il-ligi li tirrigwarda lir-rikorrent. L-uniku Bord doganali mwaqqaf b'ligi hu dak mwaqqaf bl-artiklu 9 tal-Kap 337 li jisma' pendenzi dwar valutazzjonijiet. Pero' biex jibdew proceduri quddiem dan il-Bord, l-applikant irid jaghmel depozitu ekwivalent ghad-dazju dovut, haga li r-rikorrent qatt m'ghamel. Imbaghad hemm il-Kumitat dwar Klassifiki li huwa kumitat intern fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana u jaghti pariri lill-istess. Pero' dan mhux obbligat li jaghmel seduti u jisma' lil terzi, peress li dan hu kumitat intern li jaghti pariri lill-esponent. Ghalhekk l-argument li din is-somma mhix dovuta minhabba din il-pendenza, ma jregix.

4. Illi huwa l-obbligu tal-importatur f'kull kaz li jaghmel dikjarazzjoni korretta dwar il-merkanzija li jkun qed jimporta. Fin-nuqqas ta' dan, u bhalma gara f'dan il-kaz, l-importatur hu obbligat bil-ligi li jaghmel tajjeb ghad-differenza fid-dazju u taxxi ohra ta' importazzjoni li jibqghu dovuti.

5. Illi rigward dan il-kaz partikolari, din kienet importazzjoni ta' Uncle Lee's Body Slim Dieter Tea, liema prodott hu klassifikat taht HS 2106.909200. Ghalhekk l-importatur kien iddikjarah skorrettament meta ddikjaraha taht HS 0902.100000 li jirreferi ghal green tea.

6. Illi jinghad ukoll li l-ispejjez li jistghu jintalbu f'din il-procedura huma spejjez gudizzjarji biss. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghall-ispejjez tal-allegata procedura quddiem il-Bord hija nfondata.

7. Illi s-somma mitluba hi dovuta fl-intier taghha mir-rikorrenti u l-esponent agixxa korrettement meta hareg il-*post entry claim* dwar l-istess somma kontra r-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra f'kaz li r-rikors ikun appuntat.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Rat illi fil-25 ta' Novembru 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi, rigward l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti intimat u cioe': "Preliminarjment in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bl-atti ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12;", tali eccezzjoni giet sorvolata

bin-notifika li saret fit-30 t'April 2007, kif turi r-riferta fuq in-naha ta' wara a folio 9 tal-process.

Illi, preliminarjament, is-socjeta' intimata rikorrenti tilmenta illi hemm proceduri ta' appell quddiem il-Bord tad-Dwana, liema Bord ma tispecifikax, u ghalhekk id-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana ma setax jagixxi b'ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ammont pretiz pendenti tali appell. Illi pero' mill-affidavit ta' Joseph P. Brincat a folio 33 tal-process, illi spjega kronologikament kif zviluppa l-kaz odjern, jirrizulta li ma hemm ebda appell quddiem xi Bord tad-Dwana u dan ghaliex is-socjeta' intimata rikorrenti ma hallsitx id-depozitu necessarju biex isir tali appell. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata rikorrenti qed tigi michuda;

Illi, fil-mertu, mill-provi prodotti mir-rikorrent intimat id-Direttur Generali (Dwana) jirrizulta ampjament illi (1) huwa l-importatur illi jiddeciedi taht liema HS Code jiddikjara li qed jimporta l-prodott, (2) illi l-ufficcju tal-Port Health ma jidholx f'materja ta' taxxa fuq importazzjoni ta' prodotti izda biss f'materja ta' sahha rigwardanti l-prodott; (3) illi kwalunkwe materja ta' taxxa taqa' fil-kompitu tad-Direttur Generali (Dwana) (4) illi d-Direttur Generali (Dwana) ghandu dritt li jaghmel *post entry audit* u *post entry claim* bhal fil-kaz odjern (5) illi huwa l-analista tad-Dwana li wara li jaghmel l-ezamijiet opportuni johrog il-klassifikazzjoni rigwardanti liema HS Code japplika ghall-prodott;

Illi fil-kaz odjern wara li sar l-ezami fuq kampjun mill-prodott importat mis-socjeta' intimata rikorrenti, irrizulta li dan ma jikkomprendi l-ebda ngredjent tat-te' u ghalhekk ma kienx jaqa' taht HS code 0902.100000 izda kien jaqa' taht HS code 2106.909200;

Illi kull importatur jista' wkoll jaghti kampjun lill-analista biex jigi ezaminat u jkun jaf minn qabel liema HS code hija applikabbli ghalih. Is-socjeta' intimata rikorrenti setghet ghamlet dan izda ghar-ragunijiet taghha m'ghamlitux.

Illi sabiex issostni t-tezi taghha, s-socjeta' intimata rikorrenti prezentat diversi dokumenti u cioe Dok. GF2 sa GF4 a folio 93 sa folio 104 tal-process rigwardanti l-istess prodott u l-HS code tieghu 0902.100000 li skond hi huwa uzat internazzjonalment ghall-imsemmi prodott.

Illi pero' mill-ittri rogatorji mibghuta l-Istati Uniti tal-Amerika biex iwiegeb James O'Young, jirrizulta li fil-fatt dan il-prodott ma gie mportat fl-ebda stat iehor membru tal-Unjoni Ewropeja.

Illi dak rikjest mil-ligi ta' pajjizna ma hux necessarjament l-istess bhal dak rikjest minn pajjizi ohra u ghalhekk is-socjeta' attrici ma kellhiex toqghod biss fuq dak li nformaha s-supplier taghha izda kellha tara x'titlob il-ligi Maltija.

Illi l-provi mressqa mis-socjeta' intimata rikorrenti, anke dawk dokumentarji, ma jsostnux it-tezi tas-socjeta' intimata rikorrenti. Anzi ghall-kuntrarju jsahhu t-tezi tar-rikorrent intimat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tas-socjeta' intimata rikorrenti George Farrugia & Sons Limited bl-ispejjez kontra taghha.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur